MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 360/2011

**A G**
**vs**
**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**
**li b' digriet tas-27 ta' Frar 2012 gew nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirraprezentaw lill-assenti H G**

**Il-Qorti,**

**Preliminari,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat izzewgu fis-27 ta' Lulju, 1996 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg u frott ta' dan iz-

zwieg nhar il-25 ta’ Lulju1997 twieled il-minuri P G kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid;

2. Illi l-intimat irrenda ruhu hati ta’ adulterju fil-konfront tar-rikorrenti tant li l-istess intimat kellu tarbija minn terzi;

3. Illi di piu’ l-istess intimat ilu li abbanduna d-dar matrimonjali ghal bosta snin u ghalhekk giet reza impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

4. Illi l-istess intimat huwa mahrub mill-gzejjer Maltin u r-rikorrenti m’ ghandha ebda hjiel dwar fejn qieghed jirrisjedi l-istess intimat;

5. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li r-rikorrenti tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri P G u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

6. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna kif jirrizulta mid-dokument hawn anness stante li l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma setghetx issehh;

Ghaldaqstant, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi G minhabba tortijiet imputabbli lill-intimat cioe’ stante l-adulterju u abbandun;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri P G f’ idejn ir-rikorrenti;

3. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment ghall-minuri, liema manteniment ghandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimat direttament lir-rikorrenti f’ kont bankarju ndikat mill-istess rikorrenti f’ data iffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;

4. Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment ghar-rikorrenti u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimat direttament lir-rikorrenti f’ kont bankarju ndikat mill-

istess rikorrenti f' data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;

5. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment;

6. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

7. Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti;

8. Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;

9. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' Farrugia.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad-dokumenti.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw li mhumiex edotti mill-fatti u irrizervaw li jissottomettu risposta guramentata fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Joanne Vella Cuscieri tal-10 ta' Mejju 2012 (fol.43) li permezz taghha iddikjarat li ottemperat ruhha mal-artikolu 66G tal-Kap. 16.

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 l-attrici iddikjarat li ma kellhiex provi ohra u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat is-sentenza *in parte* moghtija llum stess f'din il-kawza fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-attrici sabiex tikkonverti l-kawza odjerna minn kawza ghall-separazzjoni personali

ghal kawza ghal divorzju filwaqt li zdiedet is-segwenti talba attrici:-

"10. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skont il-ligi, inkluzi dawk ai termini tal-Artikolu 66l tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz illi, diment illi huwa dovut manteniment lir-rikorrenti ghall-ulied minghand l-intimat, tordna li l-hlas tal-manteniment mill-intimat jigi zgurat b' garanzija xierqa u ragonevoli skont ic-cirkustanzi tal-partijiet, ghaliex ser jirrizulta u tabilhaqq diga' rrizulta waqt is-smiegh tal-kawza kif ukoll qabel ma bdiet il-kawza, li l-intimat kien inadempjenti fl-obbligu tieghu tal-hlas ta' manteniment, kif ukoll illi jezistu cirkostanzi oggettivi serji li juru l-htiega ta' tali garanzija."

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Fl-affidavit taghha (fol.38) l-attrici tispjega illi hija kienet iltaqet mal-konvenut H G fis-sena 1995 u bdew johorgu flimkien. Wara sena iddecidew li jizzewgu. Huma zzewgu fis-27 ta' Lulju 1996 u marru jghixu fid-dar tan-nanna tal-attrici.

Ftit wara l-attrici harget tqila bit-tifel P u wara sena u nofs mill-jum tat-tieg marru jghixu go dar bil-kera fejn l-attrici ghadha tabita sallum.

Ghall-ewwel kollox kien miexi tajjeb. Izda maz-zmien il-konvenut beda johrog ma' shabu, beda jixrob u jmur lura d-dar mas-sebh tal-gurnata. L-attrici spjegat li l-konvenut qabad ukoll il-vizzju tal-loghob fejn jekk jara kaxxa tal-loghob kien imur jilghab.

Peress li l-konvenut G kien jonfoq kull ma jaqla' fix-xorb u fil-loghob, l-attrici giet kostretta titlob lill-ommha tghina finanzjarment. Spiss kien ikollhom xi jghidu u mhux l-ewwel darba li l-konvenut kien jitlaq mid-dar ghal xi zmien imbaghad jerga' lura. Damu sejrin hekk ghal madwar ghaxar snin sakemm stqarr mal-attrici li kellu tarbija minn mara ohra. Meta twieldet it-tarbija mir-relazzjoni extra-

matrimonjali li l-konvenut kellu, huwa kien jiehu lit-tarbija d-dar u l-attrici kienet tiehu hsiebha sakemm il-konvenut ikun id-dar tal-attrici. Pero' wara dan l-episodju l-attrici ma setghatx tafda aktar lill-konvenut G. It-tifel tal-partijiet kien issa ghandu ghaxar snin u ghalhekk l-attrici tkellmet mieghu u informatu li kienet waslet ghad-decizjoni li tissepara mill-konvenut. Tghid hekk dwar dak l-episodju:-

"H hareg mid-dar ghall-ahhar darba u qatt ma rega' gie lura. Minn dak inhar li telaq, lit-tifel taghna P qatt ma rega' rah u ovvjament, qatt ma hallas manteniment ghalih ghalkemm gieli kien hemm drabi fejn cempillu. Kien permezz ta' wahda minn dawn it-telefonati veru rari li sirt naf permezz ta' ibni li H m' ghadux jghix hawn Malta pero' nghid li ma nafx fejn qieghed u m' ghandi ebda indirizz tieghu ghax il-ftit drabi li cempel, dejjem kellem biss lil P u qatt ma tah dettalji ta' fejn qieghed. Nixtieq nippreciza li t-telefonati tant huma rari, li H lanqas biss cempel lit-tifel f' gheluq sninu.

Naghlaq billi nghid li fi Frar 2012, ghalaqna erba' snin mifrudin minn xulxin u qtajna kull kuntatt bejnietna ghaliex hallieni nrabbi t-tifel wahdi minghajr ebda forma ta' ghajnuna".

**Konsiderazzjonijiet**.

Irrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju li z-zwieg bejn il-konjugi G tkisser irrimedjabilment u dan tort unikament tal-konvenut H G. H G huwa responsabbli wahdu ghat-tkissir taz-zwieg tieghu mal-attrici sew minhabba infedelta' u adulterju kif ukoll minhabba abbandun.

Huwa ghalhekk indikat li jigu komminati kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fil-konfront ta' min ikun hati tat-tkissir taz-zwieg.

Dwar il-minuri, l-unika kuntatt li hemm bejn it-tifel u l-missier hija telefonata sporadika li l-konvenut G jaghmel kull tant zmien biex ikellem lit-tifel. Dawn it-telefonati la huma regolari u lanqas frekwenti. F'dawn l-ahhar snin il-missier ma ghamel l-ebda tentativ sabiex jigi jara lill-ibnu u

ghalhekk gie ppruvat illi mhux biss il-konvenut G kien unikament responsabbli ghat-tkissier taz-zwieg tieghu mal-attrici izda wkoll bl-aktar mod irresponsabbli abbanduna d-doveri tieghu ta' missier versu ibnu minuri. Agir da parti ta' ragel mizzewweg u missier mill-aktar irresponsabbli. Il-minuri kellu jghaddi mhux biss mit-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-genituri tieghu izda wkoll mit-telfien ta' missieru.

L-irresponsabbilta' tal-missier tkompli taggrava ruhha konsiderat il-fatt illi ma jitkontribwixxi xejn ghall-htigijiet tal-minuri u ta' martu.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti mill-provi skarsi li ngabu fir-rigward jidher li din tikkonsisti biss fil-kirja tal-fond matrimonjali u l-mobbli. Ikun gust li dawn jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici.

B'sentenza tallum stess din il-kawza giet konvertita minn kawza ta' separazzjoni personali ghal wahda ta' divorzju, L-artikoli 38 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu dwar il-konsegwenzi legali ta' adulterju u abbandun fiz-zwieg.

"**38.** Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba ladulterju
tal-parti l-oħra."

"**41.** Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda
jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra,
mingħajr raġuni tajba."

Dwar il-konsegwenzi legali kontra min ikun hati ghat-tkissir taz-zwieg il-Kodici Civili jipprovdi s-segwenti:-

"**48.** (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –

(*a*) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(*b*) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(*ċ*) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għal-lfinijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mil-lpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(*d*) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(*b*) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (*ċ*) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir- Reġistru Pubbliku."

Dwar il-manteniment, ghalkemm ma kienx possibbli ghall-attrici tressaq provi dwar id-dhul tal-konvenut G stante li dan jghix barra minn Malta, il-Qorti tikkonsidra li l-konvenut huwa fid-dover li jhallas manteniment sew lill-attrici kif ukoll lill-minuri, u fic-cirkostanzi l-ammont ser jigi stabbilit *arbitrio boni viri*.

**Decide.**

Ghal dawn ir-ragunijiet taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja d-divorzju ta'bejn il-konjugi G u dan minhabba tortijiet imputabbli esklussivament lill-konvenut H G
2. .Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri P G tkun f'idejn l-attrici A Farrugia gia' A G.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lill-konvenut Ebdelhaq G ihallas manteniment ghall-minuri P G is-somma ta’ mitejn u hamsin ewro (Eur 250) fix-xahar pagabbli b’effett mid-data li gietipprezentata l-kawza odjerna u cioe’ mis-7 ta’ Dicembru 2011, liema manteniment jibqa’ jithallas anke wara li P G jaghlaq tmintax-il sena f’kaz li jibqa’ jistudja *full time* sakemm jaghlaq dik tlieta u ghoxrien sena, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.
4. Tilqa’ r-raba talba u tordna lill-konvenut Ebdelhaq G ihallas manteniment ghall-attrici fis-somma ta’ mitejn u hamsin ewro (Eur 250) fix-xahar pagabbli b’effett mid-data li giet ipprezentata l-kawza odjerna u cioe’ mis-7 ta’ Dicembru 2011, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.
5. Tilqa’ l-hames talba u tiddikjara li l-konvenut G iddekada mid-dritt tieghu li jitlob manteniment minghand l-attrici.
6. Tilqa’ s-sitt talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet b’dan illi l-kirja tal-fond matrimonjali u l-mobbli kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti qed jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attrici.
7. Tichad is-seba’ talba in kwantu ma ngabu l-ebda provi dwar xi assi parafernali.
8. Tilqa’ t-tmien talba u tapplika kontra l-konvenut G is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
9. Tilqa’ d-disa’ talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha Farrugia.
10. Tilqa’ l-ghaxar talba u ai termini tal-artikolu 66I tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna li bhala garanzija fir-rigward tal-manteniment impost b’din is-sentenza l-attrici ghanda l-jedd f’isimha u f’isem il-minuri tirregistra fir-registru pubbliku ipoteka generali kontra l-konvenut G ghal somma ekwivalenti ghall-manteniment taghha u tal-minuri li jkopri il-manteniment kollu li ser ikun dovut sa hames snin millum.

Bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut H G.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------